# IL-PAPAT TAL-15 SEKLU

**PAPA PIJU II**

Il-bniedem maghzul biex imexxi lill-knisja wara Kallistu III kien l-istatista u storiku Aeneas Sylvius Piccolomini mwieled



minn familja fqira izda nobbli gewwa Corsignano hdejn Siena. Huwa studja gewwa l-Universita' ta' Siena fejn ha d-dottorat fil-ligi kanonika. Hajtu kienet studju iebes mhallta ma' hajja laxka u bla



kontroll. Ghalkemm dahal jaghmel parti mis-servizz ekklesjastiku kellu rispett lejn l-ordni sagri tant li ma hassux denn li jircevih minhabba hajja xejn ezemplari. Huwa kien ta' servizz lill-princpijiet tal-knisja fosthom Capranica u Albergati. Jum wiehed waqt missjoni li kien ser jaghmel gewwa l-Iskozja, il-vapur li kien fuqu ltaqa' ma' maltempaata kbira, tant li wieghed lill-

Madonna li jekk jirfes l-art huwa jimxi hafi lejn l-ewwel santwarju. U meta rifes l-art sab li l-ewwel santwarju kien 10 mili 'l boghod. Pero' huwa zamm kelmtu u mexa' hafi fis-silg ta' l-Iskozja biex izomm kelmtu, att li minhabba fih marad bil-gotta li minnha baqa' jsofri hatju kollha.

Madanakollu l-konverzjoni ma sehhitx f'dan iz-zmien. Huwa inghaqad ma' grupp xizmatiku li kienu membri tal-koncilju ta' Basilea. Hawn huwa beda. jikteb kontra il-Papa, proza moqzieza u poezija li kellha tkun kagun li aktar tard meta jsir Papa jissoghbih li ghamel hekk. Meta nduna li kollox kien ser jimbidel, huwa abbanduna l-koncilju ta' Basilea u offra s-servizzi tieghu lil imperatur Fredriku III u imbaghad lill-Papa. Ha parti fin-negozjati tal-Konkordat ta' Vienna. Kallistu III hatru kardinal fis-sena 1456 u sentejn wara, jigifieri fis-sena 1458 wara konklavi iebes gie mahtur papa. Huwa ha l-isem ta' Piju II.

Meta Piju gie ordnat sacerdot huwa kien diga kkonverta u halla l-hajja xejn ezemplari ta’ l-imghoddi. Issa hu hadem biex jibda’ jghix hajja tajba li kienet tixraq lil ismu. Bhala Papa huwa kien jghix dik il-hajja semplici ta patri aktar milli princep tal-knisja. Huwa talab lid-dinja kattolika biex jirrigettaw lil Aneas u jaccettaw lil Piju II. Publikament huwa cahad dawk l-ghemejjel ta' bluha ta' zoghzitu. Kien hobb hafna n-natura u kien jahdem barra meta kien possibli. Meta kien possibli kien jaghti udjenzi lill- pubbliku taht is-sigra tal-qastan jew xi funtana tarmi l-ilma.

Jekk l-artisti u l-poeti hasbu li zmien Nikola V gie ser jerga' jisbah biex huma setghu jesprimu l-hiliet taghhom fl-arti u l-kitba marru mqarrqa ghaliex Piju II kien mohhu li jkompli bil-politika tal-Krucjati tal-papa ta' qablu, Kallistu III.  Ghamel hiltu kollha biex jorganizza krucjata l-aktar meta sema' li l-princpijiet gew imkeccija mill-Grecja u l-gzejjer tal-Lvant mill-imperu Ottoman. Talab lir-rejiet u slaten nsara ta' l-Ewropa biex jiltaqghu gewwa Mantova halli flimkien maghhom jorganizza l-krucjata, izda ghalkemm kulhadd qabel u approva z-zelu tal-Papa minn naha ta' l-awtorita' temporali ma sar xejn.

Piju II kellu konsolazzjoni f'hajtu li rnexxilu jippreswadi lir-re Lwigi XI ta' Franza biex jabroga is-Sanzjoni ta' Bourges li fost l-ohrajn kienet tillimita l-awtorita’ tal-Papa, u xi drabi l-awtorita tar-re tisboq  dik tal-papa.

Ghalkemm Piju II ra l-htiega li jsiru riformi qawwija fil-knisja huwa biss ha passi biex jattwa riformi parzjali.  Mohhu kien biss fuq il-krucjata. Sahansitra kiteb ittra lis-Sultan Mohammed II jheggu biex isir nisrani. Ma rceva ebda twegiba. Biex forsi juri lis-slaten ta' l-Ewropa li kellhom ghax jisthu li ma rrispondewx ghat-talba tieghu huwa mar Ancona biex iwaqqaf krucjata huwa niffsu ghalkemm din kienet zghira. Pero' laqghtitu marda u miet fl-14 ta' Awissu 1646 jhares lejn il-Lvant li tant xtaq jghin.